# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 7 ta’ Jannar 2025**

**Nru:4**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1103/2007**

**Myriam Fenech Adami u skont digriet datat 27 ta’ Frar, 2012, il-ġudizzju ġie trasfuż f’isem Raphael Fenech Adami, Maria Victoria Tua u Joseph Fenech Adami stante l-mewt ta’ Myriam Fenech Adami**

**v.**

**Anna Gatt, xebba, Marie Louise mart Anthony Cutajar, John Gatt, u Rita mart Joseph Camilleri; Jimmy sive John Mary Gatt u Gemma mart Paul Zammt; Maria mart Michael Muscat, Charles Gatt, Pauline mart Joseph Bonello, u Lawrence Gatt; Carmelina Gatt, xebba, Teresa mart Joseph Sant (17448M) u b’digriet tat-8 ta’ Ġunju, 2022, *stante* l-mewt ta’ Theresa Sant l-atti ġew trasfużi f’isem Joseph Sant (17448M), u wliedu Joseph Sant (402280M) u Stephania Dimech Sant, Milva mart Mario Mallia, Carmen mart Joseph Galea, u Michael Gatt; Francis Gatt; Grace Zammit u b’digriet tal-31 ta’ Awwissu, 2017, *stante* l-mewt ta’ Grazia sive Grace Zammit l-atti ġew trasfużi f’isem, Anne Vella, Carmen Xuereb, Joseph Zammit, Angelo Zammit, Nazzareno sive Rene Zammit, John Zammit u Aloisus sive Louis Zammit, Joseph Gatt, Philip Gatt, Carmela Fenech, Angelo Gatt, Carmelo Gatt, u Bartolomeo Gatt; Anthony Gatt, u b’digriet tas-17 ta’ Ottubru, 2022, stante l-mewt ta’ Anthony Gatt fil-mori, l-atti ġew trasfużi f’isem Francesca Saveria Buġeja, Carmel k/a Lino Gatt, Raymond Gatt, Antonia Spiteri u Vincent Gatt, Bartolomeo sive Albert Gatt, Frances Vassallo u b’digriet tat-2 ta’ Mejju, 2022, stante l-mewt ta’ Frances Vassallo l-atti ġew trasfużi f’isem Anthony Vassallo, Paul-Josef Vassallo Mintoff, Nicolette Borg Vassallo u Roderick Vassallo, Maria Assunta Tombion, (tliet kelmiet miżjuda b’digriet tal-Qorti tat-12 ta’ Mejju, 2009), Mario Mintoff, Victor Mintoff, u Maria Concetta Rogers; Natalina Grima,**

Kopja informali

**Philomena Grima, Tarcisio Grima, Nazzareno Grima, Doris Micallef u Teresa Zammit; l-Avukat Dottor Ena Cremona u, b'digriet tat-12 ta' Awwissu 2024, wara l-mewt tal-avukat (wara Imħallef) Dottor Ena Cremona, l-atti ġew trasfużi f'isem it-tfal tagħha Michael Cremona u t-tabib Dottor Andrew Cremona; it-Tabib Joseph Xuereb u b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2022, *stante* l-mewt tat-Tabib Giuseppi sive Joseph Xuereb, l-atti ġew trasfużi f'isem bintu Daniela Xuereb, AntoineXuereb, l-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata, Camilla Scerri, Maria Zammit, u James Galea Testaferrata; u b'digriet tat-2 ta' Frar, 2009, l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno ġew nominati bħala Kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Maria Azzopardi u Paolina Cini; John Mary Gatt; Emanuel Gatt, Paul Gatt, u John Mary Gatt; Agnes sive Inez Savona, Angelo Bonnici, Carmen Falzon, u Bartolomeo Bezzina, ilkoll imsiefrin u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2011, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Lara Sammut sabiex tkompli l-kawża minflok Carmen Galea li mietet fil-mori tal-kawża**

**Daħla**

1. B'rikors maħluf tat-22 ta' Ottubru, 2007, l-attriċi Myriam Fenech Adami fissret li l-Markiż Nicola Mallia Tabone kien il-pussessur ta' fewdu magħruf bħala tal-Fiddien. Hija tgħid li wara mewtu, il-Markiż Nicola Mallia Tabone ħalla lil oħtu Maria Grazia Mallia Tabone (it-"Testatriċi") bħala werrieta tiegħu, madankollu l-Kumitat tal-Privileġġi Nobbiljari ta' Malta kien iddikjara li t-titlu fewdali tiegħu għadda għand il-Markiż Salvatore Caruana Dingli.

*2.* L-attriċi żżid li bis-saħħa tal-Att XXX tal-1969, nofs il-ġid li jifforma parti minn dan il-fewdu għadda favuriha bħala l-werrieta tal-Markiż Salvatore Caruana Dingli; filwaqt li n-nofs l-ieħor għadda għand uħud mill-konvenuti bħala l-werrieta tat-Testatriċi. Peress li l-attriċi ma xtaqitx tibqa' f'komunjoni mal-konvenuti hija fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-proprjetà spettanti fit-titolu fewdali tal-Markeżat u Fewdu tal-Fiddien tappartjeni għan-nofs indiviż tagħha lill-istess attriċi u għan-nofs indiviż l-ieħor lill-eredi ta' Maria Grazia Mallia Tabone;

ii. Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll li dawk fost il-konvenuti li huma d-dixxendenti ta' kuġini ta' Maria Grazia Mallia Tabone li mietu qabilha ma humiex eredi ta' l-istess Maria Grazia Mallia Tabone;

iii. Tillikwida l-assi formanti l-proprjetà spettanti t-titolu fewdali tal-Markeżat u Fewdu tal-Fiddien, fuq imsemmi;



Kopja informali

iv. Taqsam l-istess assi f'dawk il-porzjonijiet li jistħoqqu u li għandhom jiġu assenjati lil min mill-partijiet jispettaw skont il-liġi;

v. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-immobbli li jirriżultaw li mhumiex komodament diviżibbli jekk dan ikun neċessarju għall-qsim mitlub; u

vi. Taħtar Nutar biex jippubblika l-att ta' qsim, u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-att;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

3. B'sentenza tat-23 ta' Frar 2017 din il-qorti, presjeduta mill- Imħallef Silvio Meli, kienet ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet attriċi fuq il-bażi ta' nuqqas ta' interess ġuridiku. B'sentenza tas-26 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Frar 2017 u minflok laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u għalhekk iddikjarat li l-ġid immobbli li jaqa' fit-titlu fewdali tal-Markeżat u fil-Fewdu tal-Fiddien hu miżmum bin-nofs bejn l-atturi u l-werrieta tat-Testatriċi. Dan filwaqt li ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti Tabib Joseph Xuereb et; l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Frances Vassallo et; l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati; u l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Gatt et.

4. Din is-sentenza hi dwar it-tieni talba tal-atturi, u ċioè t-talba li jiġi dikjarat li dawk il-konvenuti li huma d-dixxendenti ta' dawk il-kuġini tat-Testatriċi li mietu qabilha m'għandhomx jitqiesu bħala werrieta tat-Testatriċi.[1]

## It-testment

5. L-eredità tat-Testatriċi hi regolata b'testment riċevut minn Nutar Angelo Vella fis-17 ta' Jannar 1980. L-artikolu relevanti hu l-artikolu 6, li jgħid hekk:

> It-testatrici b'eredi universali propetarji taghha assoluti tinnomina u tistitwixxi fi kwoti indaqs u indivisament bejniethom (per capita) lill-primi kugini taghha kemm dawk tal-lat patern u kif ukoll dawk tal-lat matern ad eskluzjoni tal-prima kugina taghha Maria Assunta Grima, u lil Joseph, Antoine, u Rosa mart Mario Galea Testaferrata ulied il-mejjet Avukat Dottor Salvatore Xuereb u lill-Dottoressa Ina Cremona, armla tat-Tabib Dottor Cremona, u lil Doris, Teresa, Natalina, Nazzareno, Alessio u Filomena ulied il-precitata Maria Assunta Grima, bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom skond il-ligi.

[1] Ara verbal tas-smigħ tat-12 ta' Lulju 2024.



Kopja informali

**Dak li jgħidu l-konvenuti**

6. Dawk mill-konvenuti li jaqblu mat-tieni talba[2] (il-"Konvenuti li Jaqblu") jgħidu li sa fejn l-artikolu 6 fit-testment tat-Testatriċi jaħseb għas-sostituzzjoni tal-ulied, dan ma japplikax għall-kategorija tal-kuġini (innominati) tagħha li kienu ġa mietu meta mietet it-Testatriċi, imma li, 'jekk'[3] is-sostituzzjoni tapplika, tapplika għall-eredi msemmija b'isimhom biss. Għalhekk

> '... l-ulied ta' min ma kienx eredi nominat ma jistax jiret. Ghaldaqstant, dawk fost il-konvenuti illi huma ulied (jew dixxendenti) ta' primi kugini tat-testatrici illi kienu diga mejtin meta infetah it-testment, m'ghandhomx dritt jippartecipaw f'dan il-wirt.[4]

7. Il-Konvenuti li Jaqblu jsostnu t-teżi b'referenza, fost oħrajn, għas-sentenza f'*Graham Pullin et v Carmela sive Lina Zammit et*.[5]

8. Jirreferu ukoll għad-dottrina dwar l-inkapaċità li wieħed jiret, b'referenzi għal dak li kitbu l-ġuristi Baudry-Lacantinerie u Laurent u jikkonkludu hekk:

> ...l-principju ta' kapacità huwa kardinali ... Ghandu jkun ovvju illi min ma kienx haj meta sar it-testment zgur li ma kienx jezisti wara meta infethet is-successioni, appuntu ghaliex kien diga mejjet ... Ghalhekk skond dan it-taghlim, dawk il-primi kugini tat-testatrici illi kienu ... mietu qabel ma infethet is-successioni ... kienu inkapaci, u kwindi ma setghu qatt jirtuha. Minn hawn isegwi illi l-ulied/dixxendenti ulterjuri ta' dawk il-primi kugini premorti ma setghu qatt jirtuha permezz tas-sostituzzjoni vulgari, stante li l-awturi taghom ma kienux eredi.

9. Dawk il-konvenuti li ma jaqblux li t-tieni talba għandha tintlaqa'[6] (il-"Konvenuti li Ma Jaqblux") jgħidu li s-sostituzzjoni tapplika anki għall-kategorija ta' kuġini li ma ġewx imsemmija b'isimhom, b'mod li t-tfal ta' dawk il-kuġini li mietu qabel it-Testatriċi wirtu minflok il-ġenituri tagħhom. It-teżi tagħhom hi mibnija fuq dak li jgħidu l-awturi Laurent

Kopja Informali

---

[2] Dawn huma Dr Simon Galea Testaferrata, Camilla Scerri, Maria Zammit Galea Testaferrata, James Galea Testaferrata, Antoine Xuereb, Daniela Falzon, Michael Cremona u Andrew Cremona: ara nota tal-4 ta' Settembru 2024, paġni 71 sa 77.

[3] Para 9 tan-nota tagħhom, paġna 74: "<u>Isegwi li jekk hija applikabbli s-sostituzzjoni għandha tapplika biss għall-eredi NOMINATI.</u>" (L-enfasi hi fl-oriġinal.)

[4] Para 9 tan-nota tagħhom, paġna 74

[5] 742/2006, Prim'Awla, deċ. 31 ta' Mejju 2011. Kien ikun ta' għajnuna għall-qorti li kieku r-referenza għas-sentenza li saret fin-nota kienet korretta u sħiha.

[6] Dawk li ressqu sottomissjonijiet huma: John M Gatt, Anna Gatt, Marie Louise Cutajar, Rita Camilleri, Gemma Zammit, Maria Muscat, Charles Gatt, Pauline Bonanno, Lawrence Gatt, Carmelina Gatt, Theresa Sant, Michael Gatt, Milvia Mallia, Lara Sammut, Anthony Vassallo, Paul-Josef Vassallo Mintoff, Nicolette Borg Vassallo, Roderick Vassallo u Maria Assunta Tombion: ara noti tas-16 ta' Settembru 2024, paġni 95 sa 95 u 96 sa 99.

u Ricci dwar is-sostituzzjoni vulgari, u ċioè, fil-qosor, li s-sostituzzjoni sseħħ proprju bil-mewt tal-istitut.

**Analiżi**

10. Il-Konvenuti li Ma Jaqblux għandhom raġun, bħala kwistjoni ta' dritt, f'dak li jgħidu dwar is-sostituzzjoni. U hi fallaċi t-teżi tal-Konvenuti li Jaqblu li biex jkun hemm is-sostituzzjoni hekk magħrufa bħala vulgari, irid ikun wiret l-istitut.

11. It-Testatriċi setgħet - kif fil-fatt għamlet - tiddisponi li, fil-każ tal-mewt[7] ta' werriet istitwit minnha qabel il-mewt tagħha, ikun hemm sostitut għalih jew għaliha.[8] Il-kwistjoni f'dan il-każ hi jekk id-dispożizzjoni dwar is-sostituzzjoni tapplikax, kif jgħidu l-Konvenuti li Ma Jaqblux, għall-eredi kollha istitwiti jew inkella, kif jgħidu l-Konvenuti li Jaqblu, għal dawk l-eredi imsejħin b'isimhom biss. Din mhix tant kwistjoni ta' x' jgħid id-dritt, imma waħda ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni.

12. L-argumenti li ressqu l-Konvenuti li Jaqblu biex isostnu li s-sostituzzjoni għandha tapplika biss għall-eredi msemmija b'isimhom mhumiex konvinċenti. L-argument mibni fuq il-bażi tas-sentenza fil-kawża f'*Graham Pullin et v Carmela sive Lina Zammit et* mhux tajjeb, għaliex kull ma għamlet dik is-sentenza hu li interpretat dispożizzjoni testamentarja, li hi differenti minn dik li għandha quddiemha l-qorti. Is-sentenza għalhekk mhix ta' għajnuna. Lanqas ma hu tajjeb l-argument, imressaq f'para, 7 tan-nota tagħhom, li t-Testatriċi riedet li jirtuha biss dawk imsemmijin f'dak il-paragrafu; għaliex dan ikun ifisser li l-kliem 'bis-sostituzzjoni tal-ulied' ma jkollhom l-ebda effett.

13. Biex insibu t-tifsira tal-artikolu 6 skont kif trid il-liġi, irridu nibdew billi nħarsu lejn kif inhu mibni. Fl-ewwel parti tal-artikolu, it-Testatriċi tgħid li qiegħda tistitwixxi eredi fi kwoti indaqs u indivisament u tkompli tgħid - f'parentesi - li din l-istituzzjoni hi *per capita*; tgħaddi imbagħad biex issemmi kategorija ta' eredi – primi kuġini mil-lati ta' ommha u missierha - mingħajr ma ssemmihom b'isimhom (ħlief biex teskludi lil waħda minnhom);

[7] Id-dispożizzjoni ma tapplikax biss fil-każ ta' mewt, imma f'dan il-każ hu biss il-mewt li hu rilevanti.
[8] Art. 751 tal-Kap. 16. Id-dottrina tagħmilha ċara li werriet istitwit li jmut qabel it-testatur ma jistax jiret u hu proprju dan li jagħti lok għas-sostituzzjoni, jekk it-testatur jipprovdi għaliha.



Kopja informali

wara ssemmi numru ta' eredi b'isimhom; u tagħlaq billi tgħid 'bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom skond il-ligi'.

14. Jekk inqisu l-artikolu 6 mil-lenti tas-sintassi tiegħu, ma hemmx raġuni għaliex il-kwalifika dwar is-sostituzzjoni (u l-akkrexximent) m'għandhiex tapplika għall-eredi kollha, kemm dawk indikati bħala kategorija – il-primi kuġini - u kif ukoll dawk indikati b'isimhom. Ma hemm l-ebda kelma jew punteġġjatura li tindika qasma bejn l-eredi, b'mod li l-kwalifika tista' titqies li tapplika għal uħud iżda mhux għal oħrajn. Għall-kuntrarju, l-użu tal-konġunzjoni 'u' bejn l-indikazzjoni tal-kategorija ta' primi kuġini u l-varji individwi, u anki bejn l-individwi, tindika li l-eredi għandhom jitqiesu flimkien, u li għalhekk il-kwalifika tapplika għalihom kollha. L-istess jista' jingħad għall-indikazzjoni, fil-bidu tal-artikolu dwar kif għandhom jirtu l-eredi, jiġifieri fi kwoti indaqs u indivisament (per capita).

15. L-analiżi mil-lat tas-sintassi mhix neċessarjament l-aħħar kelma fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni li għandha effetti legali. Xi drabi hi biss l-ewwel pass, pereżempju fejn twassal għall-konklużjoni li d-dispożizzjoni ma tinftiehimx sew, jew li tista' tinftiehem b'iżjed minn mod wieħed. Lanqas ma hi neċessarjament l-aħħar kelma fejn l-analiżi twassal għall-konklużjoni li d-dispożizzjoni hi ċara, għaliex jista' jkun li dan li jkun ntqal ma jirriflettix dawk li riedu jgħidu dawk li jkunu fassluha.

16. F'dan il-każ l-uniku dubju dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 6 li jista' jitqies li jeżisti hu dwar il-kliem *per capita* li jinstabu f'parentesi lejn il-bidu tiegħu.

17. Sa fejn l-ewwel parti tgħid li l-wirt jinqasam bejn l-eredi fi kwoti indaqs, ma jidhirx li hemm ebda kwistjoni dwar it-tifsira tagħha: tfisser li kull eredi, imsemmi jew imsemmija b'ismu jew b'isimha jew le, u irrispettivament minn kemm għandu jew għandha parentela viċina mat-Testatriċi, jew anki jekk ma hemmx parentela, jirtu sehem ugwali. Dan jeskludi li l-kuġini jirtu bħala branka jew, kif jingħad, *per stirpes.*

18. Fi kliem ieħor din il-frażi tfisser li l-wirt hu *per capita.*

19. Jekk inhu hekk, għalfejn żdiedu l-kliem *per capita*? Il-fatt li l-kliem qegħdin f'parentesi tista' tkun indikazzjoni tar-risposta: huma hemm bħala spjegazzjoni, forsi anki enfasi, tal-frażi ta' qabel. F'tali każ, ma jbiddlux it-tifsira ta' din il-frażi; jekk xejn isaħħuha. Fl-agħar



Kopja informali

ipotesi, jagħmlu dak li jagħmlu ħafna dokumenti ta' natura legali: jirrepetu inutilment. F'kull każ, dawn il-kliem ma jbiddlux dak li tgħid l-artikolu fis-sens li l-wirt għandu jinqasam b'ishma ugwali bejn il-werrieta kollha.

20. Għalhekk, l-artikolu 6 ifisser li l-eredi kollha, kemm dawk imsemmija b'isimhom u kemm dawk imsemmija bħala parti mill-kategorija tal-primi kuġini, wirtu sehem indaqs, kienet x'kienet ir-relazzjoni tagħhom mat-Testatriċi, u anki jekk ma kienx hemm relazzjoni; u fil-każ tal-mewt ta' kwalunkwe werriet istitwit qabel it-Testatriċi, kemm jekk imsejjaħ b'ismu jew isimha u kif ukoll jekk le, is-sehem li kien imur għand dak il-werriet jew werrieta jintiret jew tintiret minn uliedu jew uliedha, bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-tieni talba tal-atturi u tiddikjara li dawk fost il-konvenuti li huma dixxendenti ta' primi kuġini tat-Testatriċi li mietu qabilha huma eredi tat-Testatriċi.

L-ispejjeż jitħallsu nofs mill-atturi u nofs mill-Konvenuti li Jaqblu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja informali